MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-25 ta' Awwissu, 2008

Numru 199/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Paul Grech u**
**Carmel Farrugia**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Paul Grech (I.D. 25273G) u Carmel Farrugia (I.D. 786455M) talli nhar is-27 ta' Novembru 2006 ghal habta tad-disgha neqsin kwart ta' filghodu fl-inhawi ta' l-Ghadira ta' San Rafflu, limiti ta' Kercem, Ghawdex:

1. ikkaccjaw jew ippruvaw jikkaccjaw, hadu jew ippruvaw jiehdu xi ghasfur (pluviera) liema ghasfur kien protett taht ir-regolamenti A.L. 79/2006 jekk mhux skond l-kundizzjoni ta' kull licenzja li tinghata tahtha (reg. 4(a), A.L. 79/2006, reg. 3(c), A.L. 187/2006);

2. hadu jew ippruvaw jiehdu xi ghasfur (pluviera) b’mansab mekkanizzat mhux tradizzjonali bi xbiek twil circa 118 piedu b’ hekk itwal minn 45 pied (reg. 8(1), A.L. 79/2006);

3. fl-istess cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta’ wiehed inkarigat minn dik l-awtorita` jew minn servizz pubbliku (Art. 338(ee), Kap. 9);

4. Paul Grech wahdu akkuzat talli sar recediv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) moghtija mill-Magistrat Dr. C.S. Herrera LLD nhar it-23 ta’ Marzu 2006; u

5. Carmelo Farrugia wahdu akkuzat talli fl-istess cirkostanzi kkonfoffa, ttanta jew ghen, hajjar, ta pariri jew flus lil xi hadd iehor biex jikser xi disposizzjoni bhal dawk (inkluza ordni legittima moghtija skond xi disposizzjoni ta’ dawk ir-regolamenti) jew biex jikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htieja mposta minn jew taht dawk ir-regolamenti (reg. 27(1)(d), A.L. 79/2006);

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-7 ta’ Mejju 2007 li permezz taghha dik il-qorti sabet liz-zewg imputati mhux hatja skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom u ghalhekk illiberathom;

Rat ir-rikors ta’ appell tal-Avukat Generali, minnu prezentat fl-24 ta’ Mejju 2007, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza u li minflok l-imsemmija Paul Grech u Carmel Farrugia jigu misjuba hatja skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-ewwel qorti lliberat lill-imputati, illum appellati, mill-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghhom ghax irriteniet li dawn ma gewx sufficjentement pruvati. L-appellant Avukat Generali, min-naha tieghu, jikkontendi li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament erroneju tal-provi u

kien ghalhekk li l-appellati, allura imputati, gew liberati. Huwa evidenti, ghalhekk, li l-Avukat Generali qed jappella fuq punt jew punti ta' fatt – apprezzament tal-provi – haga li huwa jista' jaghmel in vista tad-dritt ta' appell li huwa ghandu skond il-paragrafu (5) tar-regolament 27 ta' l-A.L. 79/2006.

Fl-udjenza tat-13 ta' Lulju 2007, l-abbili difensur ta' l-appellati, l-Avukat Dott. Emmanuel Mallia, eccepixxa n-nullita` tar-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali peress li dan, skond hu, ma fihx il-fatti fil-qosor kif rikjest mill-Artikolu 419(1)(a) tal-Kap. 9. Din il-Qorti ma taqbilx. Ir-rikors, ghalkemm evidentement redatt mighajr ebda sforz biex jipprova jaghmel il-hajja kemm ta' din il-Qorti kif ukoll tal-kontroparti aktar facli, fih il-minimu rikjest biex wiehed ikun jista' jifhem x'gara jew x'ma garax f'din il-kawza, ossia x'ta lok ghall-kawza, fid-dawl ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti. In fatti l-Avukat Generali jghid hekk: *"Il-fatti in breve kienu li fis-27 ta' Novembru 2006 Paul Grech u Carmel Farrugia kienu fl-inhawi tal-Ghadira ta' San Rafflu, limiti ta' Kercem, qed jonsbu bi xbieki ta' madwar erbghin metru ghal pluvieri. Illi in fatti huma kienu fil-mansab u ammettew mal-Pulizija li kienu fil-fatt qed jonsbu u qalu li ma kienux ser jieqfu jaghmlu hekk."* Fic-cirkostanzi, ghalhekk, din il-pregudizzjali ta' l-appellati qed tigi respinta.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa d-deposizzjonijiet moghtija quddiemha mid-diversi xhieda, u kellha anke l-opportunita` li tiehu in konsiderazzjoni il-komportament ta' kull xhud fuq il-pedana. Mill-kumpless tal-provi jirrizulta li fis-27 ta' Novembru 2006, meta allura l-insib ghall-pluviera ma kienx permess – irid jinghad, pero`, li in segwitu l-ligi giet emendata proprju biex dan it-tip ta' ghasfur ikun jista' jinqabad bix-xbiek – l-appellat Paul Grech kien fil-post fejn hu u membri tal-familja tieghu kienu jarmaw ghall-insib. Fil-fatt kien hemm kollox lest u mhejji ghall-insib tal-pluviera, fosthom ghasafar ta' dan it-tip fil-gabjetti biex ikunu jistghu jigu wzati bhala *decoys*. Kien hemm anke x-xbiek, li kienu ta' kobor aktar minn dak li tippermetti l-ligi, li kien lest u mifrux. L-appellat Grech u x-xhud in difeza

Joseph Perici Calascione[1] jghidu li dan Grech ma kienx qed jonsob ghax f'ebda hin ma kien bil-qeghda fuq l-hekk imsejha "gebla" bil-gbid f'idu. Pero`, kif jirrizulta mid-deposizzjoni ta' P.S. Adelon Spiteri, l-imsemmi Grech dejjem assuma responsabbilta` ghall-mansab in kwistjoni fejn huwa instab mill-pulizja fis-27 ta' Novembru 2006. Mill-provi jirrizulta wkoll li hu kien ilu hemm mill-anqas qrib saghtejn. Issa, kif gie aktar minn darba ritenut minn din il-Qorti, l-espressjoni "tipprova tiehu" fil-kuntest tar-regolamenti dwar il-kacca u l-insib, ma tirreferix ghan-nozzjoni tat-tentattiv fil-Kodici Krminali. Huwa bizzejjed biex persuna tkun qed "tipprova tiehu" ghasfur li hija jkollha lest l-apparat mehtieg u tkun qed tistenna biex, appena jitfacca l-ghasfur, dan ikun jista' jigi attirat biex jinqabad bix-xbiek. Fi kliem iehor, anke jekk ma jitfacca ebda ghasfur papabbli ghan-nasba, izda jkun hemm apparat sufficjenti ghall-insib – u f'dan il-kaz, ghall-insib ta' speci partikolari ta' ghasfur, cioe` pluviera – dik il-persuna tkun qed "tipprova tiehu". Issir referenza f'dan is-sens ghas-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Vella**, 1/9/1995 u **Il-Pulizija v. Joseph Cini**, 15/7/2005. Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti m'ghandhiex l-icken dubju li effettivament Paul Grech kien qed jonsob (cioe` "jippruva jiehu") ghall-pluviera, u dan meta huwa kien jaf li tali ghasfur ma setax jonsob ghalih u, per di piu` bi xbiek li kienu kontra l-ligi. Kienx qed jonsob wahdu, ma' missieru jew ma' membri ohra tal-familja tieghu hija cirkostanza rrelevanti ghall-finijiet ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjoni. It-tielet imputazzjoni, pero`, ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata fil-konfront ta' l-imsemmi Grech, u dan ghaliex biex ikun hemm il-kontravvenzjoni li wiehed ma obdiex "l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita`" skond il-paragrafu (ee) ta' l-Artikolu 338 tal-Kodici Kriminali, l-ordni jrid jinghata b'mod car u mhux b'nofs kedda jew f'forma ta' suggeriment. Fi kliem l-imsemmi Surgent Spiteri, dan qal biss "x'ha naghmlu…ha zzarmaw?" Din, fil-fehma tal-Qorti, ma tammontax ghal ordni cara, izda kienet biss forma ta' stedina. Ghalhekk l-appellat Grech ma jistax jinstab hati skond it-tielet imputazzjoni. Kwantu

[1] Id-deposizzjoni ta' Carmel Farrugia, in kwantu ko-imputat, ma taghmel ebda prova la kontra u anqas favur Paul Grech – u dan kif dejjem gie ritenut mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna in vista ta' dak li jinghad fl-Artikolu 636(b) tal-Kodici Kriminali.

ghar-raba’ imputazzjoni – dik tar-recidiva – din tinsab ukoll pruvata peress li b’sentenza tat-23 ta’ Marzu 2006 l-imsemmi Grech kien instab hati ta’ ksur tar-regolamenti tal-kacca u l-insib u kkundannat multa ta’ hamsin lira, oltre l-konfiska ta’ *pre-recorded bird caller* (ara kopja a fol. 15 sa 17 ta’ l-atti).

Nigu issa ghal Carmel Farrugia. Din il-Qorti hi sodisfatta li dan l-appellat kien fuq il-post fejn kien hemm ix-xbiek ghall-insib mhux biex jonsob, izda biex, bhala ufficjal tal-Federazzjoni Kaccaturi, Nassaba u Konservazzjonisti, jinvestiga x’ilmenti li xi membri tal-Federazzjoni, fosthom Paul Grech, kienu ghamlu kontra l-operat tal-pulizija. Pero` bil-prezenza tieghu fuq il-post, fejn kien hemm xbiek li kienu manifestament kontra l-ligi, ghal periodu ta’ kwazi saghtejn bla ma ghamel xejn biex jigbed l-attenzjoni ghall-ksur tal-ligi, u bl-atteggjament li huwa ha fil-konfront ta’ l-ufficjali tal-pulizija meta dawn irriskontraw il-ksur tal-ligi li kien qed isir, u b’mod partikolari bil-kliem li bihom huwa indirizza lil Grech meta dan gie mistieden biex inehhi x-xbiek (illegali) li kellu lesti ghall-insib tal-pluviera – “izzarmax…tista’ tonsob” – l-imsemmi Farrugia irrenda ruhhu hati li ghen jew hajjar lil Grech biex jikser ir-regolamenti in kwistjoni. In fatti l-gharmar ghall-insib, bix-xbiek illegali, baqa’ hemm, tant li l-ghada l-pulizija marru u ffotografawh. Ghalhekk huwa rrenda ruhhi hati tar-reat kontemplat fis-sub-paragrafu (d) tal-paragrafu (1) tar-regolament 27 ta’ l-A.L. 79/2006.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tiddisponi mill-appell ta’ l-Avukat Generali billi tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu lliberat lil Paul Grech mit-tielet imputazzjoni, kif ukoll tikkonfermaha in kwantu lliberat lil Carmel Farrugia mill-ewwel, mit-tieni u mit-tielet imputazzjonijiet, izda thassarha u tirrevokaha fil-bqija, u minflok issib lil Paul Grech hati skond l-ewwel, it-tieni u r-raba’ imputazzjonijiet kif ukoll issib lil Carmel Farrugia hati skond il-hames imputazzjoni; u, wara li rat ir-regolamenti 4(a), 8(1) u 27(1)(a)(b)(c)(d)(3) ta’ l-Avviz Legali 79/2006, tikkundanna lil **Paul Grech** multa ta’ disa’ mija u wiehed u tletin Ewro u erbgha w sebghin ewro centezmi (Euro 931.74), konvertibbli fi tmenin gurnata prigunerija f’kaz ta’ nuqqas

ta' pagament skond il-ligi, u tikkundanna lil **Carmel Farrugia** multa ta' tliet mija u disgha w erbghin Ewro u erbghin ewro centezmi (Euro 349.40), konvertibbli fi tletin gurnata prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------